f'Borsippa f'Babilonja, u jien ukoll qiegħed għassa ta' dik il-kewkba. Jekk il-kewkba targa' tidher huma għandhom jistennewni għal għaxart ijiem fit-Tempju u mbagħad nitilqu flimkien għal Ġerusalemm biex naraw u nqimu l-Imwiegħed li għandu jitwieled Sultan ta' Iżrael. Jien lest biex nitlaq u mmur niltaqa' ma' sħabi. Begħt id-dar tiegħi u kulma għandi u xtrajt dawn it-tliet ġojjelli: żaffir, rubin u ġawhra biex neħodhom miegħi u noffrihom lis-Sultan. Issa sa nitlobkom biex tiġu miegħi sabiex aħna flimkien ikollna x-xorti sabiħa li nsibu lill-Prinċep li jistħoqqlu l-qima tagħna.

*(Huwa u jitkellem fuq il-ġojjelli* ***ARTABAN*** *jdaħħal idu ġewwa ċ-ċinturin u joħroġ tliet ġojjelli: wieħed ikħal, l-ieħor aħmar dagħmi u l-ieħor abjad silġ; jurihom wieħed wieħed u jpoġġihom fuq ir-romblu tal-għażel mifrux quddiemu).*

ILKOLL: *(Iħarsu lejn xulxin kollhom ħosbenin. Wiċċhom jixhed li huma bejn ħaltejn jekk għandhomx jemmnuh, jekk għandhomx jitilqu miegħu jew le; fl-aħħar jaqbeż* ***TIGRANES*** *u jgħid:)*

TIGRANES: Din hija ħolma, Artaban, ġejja minn staħriġ żejjed ta' kwiekeb u thewdin tal-moħħ. Tkun ħaġa iżjed għaqlija għalina kieku wieħed jaħseb jiġbor il-flus għat-tempju ġdid ta' Khala. Ebda sultan mhu sa jinbet mir-razza mfarrka ta' Iżrael, u l-ġlied li hemm bejn id-dlam u d-dawl, ibqa' fuq kliemi, ma jintemm qatt. Kull min qed ifittex dak kollu li nebbahtna bih inti jkun qed jiġri wara d-duħħan. Saħħa għalik (*joħroġ*).

RHODASPES: Jien f'dawn il-ħwejjeġ ma nifhimx u l-karika tiegħi bħala għassies tat-teżori tas-Sultan torbotni magħha u ma nistax nissieħeb fil-mawra tiegħek. Din il-biċċa xogħol ma tgħoddx għalija, iżda jekk inti jidhirlek li għandek tagħmilha, itlaq bis-sliema. Il-kwiekeb imexxuk fit-triq twila li sa tieħu, jalla jkollok ir-riżq tal-ħsieb u x-xewqa tiegħek (*joħroġ*).

ABDUS: F'dari hemm rieqda għarusa ġdida, u ma nistax inħalliha, u lanqas nista' neħodha miegħi f'din il-mawra hekk imwiegħra. Jalla r-riżq għal kull pass li tagħmel fil-mixja twila tiegħek. Għalhekk jien insellimlek. Jalla l-kwiekeb jieqfu miegħek (*joħroġ*).

ORODES: Jiena marid u miniex tajjeb għat-tbatija ta' triq hekk twila, imma nista' nibgħatlek raġel minn fost il-ħaddejja tiegħi jissieħeb miegħek u jwassalli aħbarek (*joħroġ*).

ABGARUS: Jien l-ixjeħ fost sħabi kollha ma nistax niċħad kliemek. Jista' jkun illi d-dawl tas-Sewwa jinsab f'dak is-sinjal li deher fis-Sema u li għandu jwasslek għand il-Prinċep u lejn id-dija qawwija tas-Sema. Jew jista' jkun ukoll illi dan is-sinjal mhux



ħlief id-dell tad-dawl, bħalma donnu ried igħidilna Tigranes, u għalhekk min jiġri warajh ma jkunx qed jagħmel ħlief triq twila għalxejn. Dawk li jaħsbu u jixtiequ li jaraw ħwejjeġ tal-għaġeb għandhom dejjem ikunu lesti biex jimxu weħidhom. Jiena wisq xiħ għal din il-mawra twila, iżda qalbi dejjem tkun miegħek matul triqtek lejl u nhar, u għalhekk inkun naf it-tmiem tat-tfittxija tiegħek. Mur bis-sliema, jalla l-kwiekeb tas-Sema jwassluk f'tarf it-triq li fiha trid tasal u twettaq ix-xewqa tiegħek. Saħħa. (*Joħroġ*).

ARTABAN: *Jiġbor il-ġojjelli u jarġa' jqegħedhom fi ħżiemu. Joqgħod jħares lejn il-ġamar tal-bieqja ta' quddiem l-artal li kienet tnemnem u tintefa bil-mod. Jikxef il-purtiera u jgħaddi għal fuq is-setaħ bejn żewġ kolonni tal-irħam aħmar, minn fejn jidher ix-xefaq taż-żerniq wara l-muntanji ta' Orontes. Fil-bogħod jinstema' t-tpespis tal-għasafar nofshom imqajmin minn fost il-weraq tas-siġar iħaxwex fil-masġar tal-wileġ u l-widien. Dak il-ħin tat-tbexbix li kien qed jikser bil-mod il-mod id-dalma ta' bil-lejl, lejn ix-xgħari tan-naħa tal-lvant jidher miksi b'medda ċpar mifrux bħal għadira. Iżda lejn ix-xaqliba tal-lemin fejn il-quċċata tal-għoljiet ta' Zagros kienu jmissu max-xefaq tas-smewwiet feġġet bħal ħuġġieġa nar li minnha ħarġet kewkba kbira tielgħa u taqsam is-smewwiet minn banda għal oħra b'xuxa dawl warajha.*

*Dik id-dehra żżomm lil* ***ARTABAN*** *bil-ħarsa wieqfa lejn dik il-kewkba. Huwa jħoss tkexkixa u jarfa' idejh it-tnejn lejn is-smewwiet fil-waqt li jmejjel rasu f'qagħda tal-akbar qima. Hu jibqa' b'rasu immejla lejn l-art għal xi waqtiet, imbagħad igħatti ħuġbejh b'idejh it-tnejn u jgħid b'leħen għoli:—*

Dan hu s-Sinjal! — Is-Sultan ġej u jiena sejjer niltaqa' miegħu!

GĦELUQ TAL-EWWEL KWADRU

(*Jissokta*)

## KOTBA LI RCEVEJNA

**AĦNA SINJURI** — Rumanz Soċjali ta' J.J. Camilleri.